MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Rikors Kongunt Numru. 191/2013

Kawza fil-lista: 27

**Rikors Kongunt ta’ AB u CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-konjugi B tat-12 ta’ April 2013 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

“Illi l-esponenti kienu izzewgu fil-tnax (12) ta' Jannar elfejn u wiehed (2001) mill-liema zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom di facto sseparati minn mill-elfejn u sitta (2006) u minn dik id-data qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn ;

Illi l-komparenti mara tiddekadi mid-dritt taghha ta' manteniment;

Illi l-partijiet ma ghandhom l-ebda propjeta' in komuni u ghaldaqstant jitolbu li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti;

Illi l-komparenti mara titlob illi hija trid tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' Formosa.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Illi l-komparenti mara tirriverti ghal kunjomha xebba u jigu dana jigi irregistrat fl-atti kollha tar-Registru Pubbliku;

3. Tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.”.

Rat l-atti kollha.

Rat illi r-rikors thalla ghal-lum ghad-decizzjoni.

Ikkunsidrat;

Il-provvedimenti legali tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli ghal kaz in dizamina huma s-segwenti:-

**Artikolu 66A (1)**

*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jewb'sentenza*

**Artikolu 66B**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data ta-sseparazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

**Artikolu 66D**

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan is-Sub-Titolu, f'każ ta' talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba*

*għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mhux kontradetti imressqa mill-attur jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-12 ta’ Jannar 2001 u li minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* ghal aktar minn erba’ snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar hlas ta’ manteniment.

**Decide**.

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja il-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tawtorizza li r-rikorrenti AB tirriverti ghal kunjom xbubitha.

3. Tilqa’ t-tielet talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti b’effett mil-lum.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------